Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 307/2016

Il-Pulizja

Spettur Priscilla Caruana

Vs

Giuseppa Cassar

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Giuseppa Cassar detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 87853 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru I-istess dispozizzjoni tal-ligi, w ikunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda fi granet u hinijiet differenti bejn Novembru 2013 u Marzu 2014, minn gewwa r-residenza numru 24, Triq il-Papa Urbanu VIII, Birkirkara:

1. lkkommettiet serq ta' flus u oggetti ikkwalifikat bil-persuna, bil-lok u bI-ammont liema ammont jaccedi l-elfejn, tliet mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) w dan ghad-detriment ta' Simone Schranz u / jew persuna jew persuni ohra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Gunju, 2016, fejn il-Qorti wara Ii rat 1-Artikoli 17, 18,

30, 31, 261 (c) (d) (e), 263, 267, 268 (a), 269 (g), 279 (b), 280 (1), 281 (b), 532 A, 5328 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmija imputata hatja ta' serq ikkwalifikat bil-lok u bil-persuna, izda mhux bil-valur, u ikkundannata ghall-piena ta' tminn (8) xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Giuseppa Cassar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Gunju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Gunju, 2016 fil-kawza odjerna fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Giuseppa Cassar' in kwantu sabet lill-appellanti hatja li fis-6 ta' Marzu, 2014 ikkommettiet serq ta' somma ta' sebghin Ewro (€70), liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-persuna, izda ma sabitihiex hatja tal-aggravju tal-valur u ma sabitx lanqas illi kien hemm reat kontinwat u ghalhekk l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda joghgobha tibdel u tvarja l-imsemmija sentenza in kwantu jirrigwarda 1-piena billi tinfliggi fuq 1-appellanti piena Ii ma tkunx wahda karcerarja effettiva.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanta Giuseppa Cassar huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

Illi l-aggravju tal-appellanti jikkoncerna biss l-element tal-piena u mhux tar-reita.

Illi di fatti l-appellanti mill-ewwel ammettiet fis-sens illi rrikonoxxiet li kien veru li kienet serqet €70 lis-Sinjuri Schranz, liema somma giet Iilhom rifuza immedjatament. Ghalhekk l-akkuza ta' serq aggravat bil-lok (peress illi s-serq sehh f' dar ta' abiztazzjoni) u bil-persuna (ghaliex twettaq minn seftura bi hsara tas-sid) tirrizulta u dan gie rikonoxxut sa mill-bidu nett mill-appellanti fil-kawza u l-appellanti ghamlitha cara Ii hija kienet qed tikkontesta l-kaz minhabba Ii kienet qed tigi akkuzata bis-serq tal-oggetti tad-deheb li, skond l-akkuza, il-valur taghhom kien jeccedi l-elfejn, tliet mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), akkuza Ii l-appellanti mill-bidu nett cahdet bil-qawwa kollha u li fil-fatt hija ma gietx misjuba hatja taghha.

Illi ghalhekk l-appellanti mhijiex qed tappella minn dik il-parti dispozittiva tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti in kwantu sabitha hatja ta' serq aggravate bil-lok u l-persuna, izda mhux bil-valur, anzi titlob illi din tigi konfermata, izda qed tappella bis-sahha minn dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti li tirrigwarda l-piena ghaliexthoss jill piena karcerarja effettiva ta' 8 xhur habs ghal serq ta' sebghin Ewro (€70) fil-konfront ta' persuna anzjana ta' 63 sena li hija first time offender b' fedina penali nadifa tazza hija bil-wisq eccessiva.

Illi l-appellanti tirrileva li, fiz-zmien meta wettqet ir-reat, hija kellha 61 sena. Ic-cirkostanzi tal-hajja taghha poggewha fi stat li, ta' dik I-eta', flok tgwadi l-pensjoni u t-terza eta', tmur tahsel u tnaddaf bhala seftura ghand in-nies. Zewgha Leonard Cassar marad serjament, kemm b' mard fiziku u kif ukoll mard mentali. F' dan ir-rigward l-appellanti sejra taghmel talba sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tisma' bhala xhieda dwar il-piena Ii ghandha tigi inflitta, oltre lill-appellanti nnifisha u lil zewgha Leonard Cassar, lit-tobba kuranti ta' zewgha Leonard Cassar, il-psikjata Dr. Joseph Spiteri, l-ispecjalista fil-mard respiratorju Profs. Stephen Montefort u l-ispecjalista kardijaku Dr. Robert G. Xuereb. Zewgha Leonard Cassar irid jiehu medicini preskritti lilu li ma jinghatawx b' xejn mill-Gvern li jiswew hafna u hafna flus u l-appellanti u zewgha ma kinux qed ilahhqu mal-hajja

bil-pensjoni mizera ta' zewgha u l-appellanti x' hin rat il-flus fil-vazett tas-Sinjuri Schranz, gietha 'dalma' ( kliemha stess ) u serqet €70. Ghamlet hazin, u dan tafu, ammettiet immedjatament u rrifondiet is-€70 immedjatament. Pero certament illi ghal dan in-nuqqas l-appellanti thoss illi l-piena ta' 8 xhur habs effettivi, tenendo kont ukoll Ii hija first time offender, qatt ma kellha problem mal-gustizzja qabel u ta' 61 sena ghandha l-fedina penali nadifa tazza, piena karcerarja ta' 8 xhur habs hija bil-wisq eccessiva.

Illi l-appellanti ttenni Ii m' hemmx sens ta' proporzjon la bejn l-offiza minnha kommessa u l-piena fuqha inflitta u wisq inqas bejn il-piena fuqha inflitta u l-piena inflitta f' diversi sentenzi ohra ta' serq fejn l-akkuzat ma jinghatax piena karcerarja effettiva anzi jinghata opportunita' wahda wara l-ohra biex jirriforma ruhu. Izda l-appellanti, Ii hum ghandha 63 sena, giet ikkundannata biex taghmel 8 xhur fil-habs u thalli lil zewgha li huwa kompletament dipendenti fuqha wahdu ghaliex ghall-ewwel darba f' hajjitha serqet €70.

Illi l-appellanti sejra taghmel riferenza ghal sentenzi ricentissimi tal-qrati taghna li fihom ghar-reat ta' serq aggravat ma gietx inflitta sentenza karcerarja effettiva izda sentenza ta' habs sospiza jew ordni ta' probation biex issostni dak minnha umilment imtenni fil-paragrafu precedenti ta' dan ir-rikors —

Pulizija (Spettur Elton Taliana) —vs- Samah Voussef Hassan u Eyman Abulass Mohammed ( Appelli Numru 166/2016 u 253/2016 ) ( Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D. ) deciza 9 ta' Gunju, 2016 li fiha sentenza ta' 24 xahar prigunerija effettiva giet konvertita f' sentenza ta' prigunerija sospiza a tenur tal-artikolu 28 A tal-Kap. 9;

Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) - vs - Wayne Delia ( Qorti tal-Magistrati ( Malta ) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Onor. Magistrat Dr. Anthony J. Vella LL.D ) deciza fl-14 t'April, 2016 li fiha l-

akkuzat instab hati ta' serq aggravat bil-lok, hin, mezz u x-xorta tal-haga misruqa li gie mqieghed taht ordni ta' probation ghal 3 snin.

Illi ghalhekk l-appellanti ttenni illi certament il-piena fuqha inflitta ta' tmien xhur habs effettivi ghal serq ta' €70 1111 hija rritornat mill-ewwel u ghal liema hija ammettiet mill-ewwel, tenendo kont ukoll tal-eta' taghha, il-fedina penali taghha, ic-cirkostanzi personali taghha u 1-fedina penali taghha li hija nadifa tazza, hija bil-wisq eccessiva u ghalhekk hemm lok sabiex il-piena tinbidel f' piena karcerarja pero sospiza jew kull piena ohra Ii jidhrilha Ii tkun xierqa din l-Onorabbli Qorti eccetto piena karcerarja effettiva.

Illi l-appellanti tirrileva in oltre li ghalkemm hija giet akkuzata li kkommettiet serq fi zminijiet differenti, u ghalhekk giet akkuzata b' reat kontinwat, f' liema kaz il-piena tizdied bi grad jew tnejn, l-Ewwel Qorti ddecidiet kjarament li dan ma kienx jirrizulta u 1-artikolu 18 tal-Kap. 9 ma japplikax ghaliex l-appellant giet misjuba hatja biss ta' serq li sehh f' okkazjoni wahda u precizament is-serq ta' €70 li sehh fis-6 ta' Marzu, 2014 u li gie minnha ammess immedjatament u a tempo vergine.

Illi ghalhekk kif iddecidiet l-Ewwel Qorti 1-piena applikabbli hija dik stabbilita fl-artikolu 281 ( b ) tal-Kap. 9 pero 1-appellanti ttenni li, in vista ta' dak kollu minnha sottomess izjed 'il fuq f' dan l-umli rikors tal-appell, il-piena karcerarja m' ghandhiex tkun wahda effettiva.

Ikkunsidrat,

Illi l-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna biss l-piena inflitta fuq l-appellanti u dan ghar-reat li dwaru hija giet misjuba hatja u ammess minnha. Illi tilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti kienet wisq harxa maghha meta giet erogata il-piena ta' tmien xhur prigunerija u dana ghaliex ma haditx in konsiderazzjoni erba' fatturi ewlenin u cioe' illi l-appellanti kienet ammettiet mal-ewwel is-serqa tal-flus fl-ammont ta' 70 ewro tant illi

anke irrifondiethom lill-parti leza, ghandha l-eta ta' 63 sena, hija *first time offender* u zewgha huwa bniedem marid u dipendenti fuqha.

Illi it-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"...The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment. This is also the position in English Law. As stated in Blackstone's Criminal Practice 2004:**

**""Save where the statutory provisions mentioned below apply, there is no obligation on the judge to explain the reasons for his sentence. However, the Court of Appeal has encouraged the giving of reasons, and has indicated that that should certainly be done if the sentence might seem unduly severe in the absence of explanation...It has been held that failure by the sentencing court to give reasons when required to do so does not invalidate the sentence...although the failure may no doubt be taken into account by the appellate court should the offender appeal. Where the sentencer does give reasons and what he says indicates an error of principle in the way he approached his task, the Court of Appeal sometimes reduces the sentence even though the penalty was not in itself excessive. Similarly a failure by the judge to state expressly that he is taking into account any guilty plea, although contrary to [statutory provision], does not oblige the Court of Appeal to interfere with what is otherwise an appropriate sentence..."**

**As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. .... In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

Issa huwa minnu illi l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti hija wahda fil-parametri tal-ligi, madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma illi kienet harxa billi l-Ewwel Qorti ma esploratx diversi cirkostanzi attenuanti ghal dan il-kaz. L-appellanti hija mara anzjana ta' 63 sena li fl-eta avvanzata taghha huwa necessarju ghaliha li tibqa tohrog ghax-xoghol sabiex tkun ta' assistenza ghal zewgha li illum huwa bniedem marid, dipendenti fuqha u ma jistax jikkontribwixxi ghall-ghejxien tal-familja. Dawn il-fatturi ma jiggustifikawx l-agir kriminuz tal-appellanti izda certament kienu ta' sfond ghal dak li spiccat ghamlet f'mument ta' bzonn. Izda fuq kollox l-appellanti hija bniedma li ta' 63 sena ghad ghandha l-fedina penali taghha kwazi

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

nadifa, ammettiet mill-bidu tal-proceduri ghar-reat li tiehgu instabet hatja, u irrestitwiet lill-parti leza l-flus fl-ammont ta' €70 mehuda minnha indebitament. Illi hija ikkontestat is-serqa tal-gjoelli u fil-fatt giet illiberata minn din l-akkuza mill-Ewwel Qorti u ghahekk meta l-Ewwel Qorti giet sabiex tikkalibra l-piena din kellha tirrifletti dawn il-fatturi li l-qrati taghna dejjem haduhom in konsiderazzjoni specjalment meta ikun hemm possibilita li tigi inflitta piena alternattiva ghal dik karcererja. Dan ghaliex il-ligi stess u anke il-gurisprudenza taghti l-ghodda lil min hu imsejjah biex jiggudika illi jara jekk l-piena karcerarja hijiex l-ahjar forma ta' kastig li jista' jinghata ghal kaz partikolari.

Illi il-konsiderazzjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti sabiex wasslet tikkundanna lill-appellanti ghal perijodu ta' tmien xhur prigunerija kien il-fatt illi dan kien fil-fehma taghha kaz "ta' tradiment serju tal-fiducja li giet fdata biha mill-persuni li tawha l-impjieg", u li kieku ma inqabbditx tempestivament kienet tibqa tisraq il-flus. Illi din ta'l-ahhar bir-rispett kollu hija osservazzjoni gratwita maghmula mill-Ewwel Qorti u xejn izjed u ma kellhiex twassalha sabiex ma tikkonsidrax piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija. Ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika illi li kieku ma inqabbditx minn min impjegaha din kienet ser tibqa tisraq il-flus, izda hija biss kongettura. Dak li kellha tikkunsidra allura l-Ewwel Qorti kien jekk kenux jezistu cirkostanzi ohra li jimmeritaw illi l-piena tkun wahda riformattiva u mhux punittiva iktar u iktar meta illum is-sistema ta' gustizzja penali hija wahda li qed timmira iktar lejn ir-riforma tal-hati milli lejn il-kundanna tieghu ghaliex gie ritenut illi l-piena li ghandha tigi erogata ghandha tkun wahda adattata aktar ghal persuna tal-hati milli ghar-reat kommess minnu u dan sabiex kemm jista' jkun ma ikunx hemm ir-ripetizzjoni tar-reat.

Illi f'dan il-kaz jezistu c-cirkostanzi kollha idonji sabiex il-Qorti teroga piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija effettiva. Mhux biss l-appellanti ammettiet minnufih ghal dak li kienet ghamlet, u irrestitwiet il-flus mehuda, izda ukoll kif *del resto* stqarret l-Ewwel Qorti ghandha fedina penali nadifa. Bhala *first time offender* ghalhekk u fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, certament piena alternattiva ghal dik ta' inkarcerazzjoni effettiva kienet wahda iktar idonja.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tilqa' l-appell interpost, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellanti hatja tar-reat tas-serq, tirriforma il-piena inflitta billi ghalkemm tikkonfermaha fejn hi giet ikkundannata ghal perijodu ta' tmien xhur prigunerija, madanakollu b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi dan il-perijodu ta' prigunerija ghandu jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.
Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur